MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 694/2004

**Perit Philip u Louisa konjugi Grech**

**Vs**

**Emanuel u Maria Dolores sive Doris konjugi Pisani u Christian u Maria konjugi Pisani**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu u jirrifondu lill-atturi s-somma ta` tliet elef, hames mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm3,576) minnhom imhallsa lil Pierre George u Anna konjugi Grech, u dana in kwantu ghal Lm2,980 rappresentanti ammont zejjed lil konvenuti mhallas mill-imsemmija Pierre George u Anna konjugi Grech ghal xoghol mill-konvenuti esegwit fuq inkarigu ta` l-istess konjugi Grech fuq il-fond taghhom El Shaddai,

B`Kara Road, Attard u in kwantu ghal Lm596, imghax fuq l-istess ammont, liema hlas mill-atturi sar lill-imsemmija konjugi Grech wara azzjoni gudizzjarja inizjata mill-istess konjugi Grech kontra l-atturi u skond skrittura ta` transazzjoni bejn l-istess konjugi Grech u l-atturi li kopja taghha qed tigi annessa Dok. A. Bl-imghax legali mill-15 ta` Dicembru, 2004, data ta` l-imsemmija skrittura fuq l-imsemmi ammont ta` Lm3,576 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmi Dok A a fol. 2 sa fol 7 ibid ta` l-atti ossija skrittura ta` tranzazzjoni bejn l-atturi odjerni u Pierre George u Anna konjugi Grech (ara wkoll fol. 21 sa fol. 26 ibid).

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 18 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi, fl-ewwel lok, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-atturi gew azzjonati **bhala debituri** mill-konjugi Pierre George u Anna konjugi Grech ghall-hlas lura ta` l-ammont li qed jinghad li thallas zejjed lill-istess eccipjenti (Citazzjoni 142/03/GC), u ghalhekk ma setax ikun il-kaz skond il-ligi li l-atturi bhala debituri huma nfushom jigu *"surrogati"* fid-drittijiet ta` haddiehor meta **ex admissis** gew konsidrati li huma debituri tal-konjugi Pierre George u Anna Grech, u mhux it-terz li jaffettwa pagament b`surroga kif kontemplat fil-ligi.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta` l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, jinghad li l-eccipjenti thallsu dak li kellu jithallas lilhom ghax-xoghol minnhom ezegwit, salva l-pretensjoni taghhom fil-konfront tal-konjugi Pierre George u Anna konjugi Grech skond l-ittra ufficcjali taghhom datata l-5 ta` Awissu, 2003.

4. Bir-riserva espressa ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni proposta a bazi tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi l-eccezzjoni preliminari in esami hi bazata fuq l-artikolu 1027 citat u li jghid illi azzjoni sabiex jintalab lura dak li jkun gie moghti bla ma jmiss (*"indebiti solutio"*) hi preskritta bl-gheluq ta` sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball.

Illi, fil-kaz in dezamina, l-attur qed jitolbu l-hlas u rifuzjoni tas-somma hemm stipulata, imhallsa mill-istess atturi lil terzi persuni, Pierre George u Anna konjugi Grech.

Illi l-atturi qed jallegaw illi l-istess ammont almenu in parte kien "… zejjed lilkom imhallas" mill-imsemmija terzi persuni, ghal xoghol esegwit fuq inkarigu ta` l-istess atturi fil-post imsemmi fl-istess avviz appartenenti lill-atturi. Bhala sfond ta` dan hemm l-iskrittura esebita in atti fol. 2 u fol. 21 et seq ibid u li permezz taghha kienet saret transazzjoni ta` kawza bejn l-atturi u l-konvenuti odjerni, bhala konvenuti, u t-terzi persuni bhala atturi pero` ghadu jinghad ukoll illi avvolja l-konvenuti odjerni, kif diga` ntqal, kienu wkoll konvenuti fil-kawza msemmija (citazzjoni numru 146/03 JR), fl-imsemmija tranzazzjoni li ggib id-data tal-15 ta` Dicembru, 2004, l-istess konvenuti odjerni ma kienx parti f`din it-tranzazzjoni. Permezz ta` din l-atturi odjerni kienu ftehmu ma` l-imsemmija terzi persuni illi jhallsu lil dawn, kif fil-fatt ghamlu, is-somma ta` Lm 3,850 *"a saldu u soddisfazzjoni totali ta` kull pretenzjoni li huma ghandhom dwar il-hlas zejjed lill-kuntratturi (l-konvenuti odjerni), drittijiet professjonali … lil Perit Philip Grech u drittijiet professjonali … mhallsa lil Perit Philip Azzopardi …"*. Inoltre l-istess terzi persuni ssurrogaw lill-atturi odjerni fid-drittijiet kollha taghhom kontra l-kuntrattur (il-konvenuti f`din il-kawza) dwar il-hlas zejjed maghmul lil dan u danni konsegwenzjali.

Ikkunsidrat

Illi, kif diga` premess, kemm l-atturi u kemm il-konvenuti, kienu partijiet fil-kawza citata kif transatta b`dawn tal-ahhar bl-ebda mod involuti f`din it-transazzjoni kif sintetizzata f`dak li hu rilevanti ghal dan il-kaz.

Illi, in rigward l-eccezzjoni in esami jidher mill-istess ftehim illi l-atturi odjerni gew surrogati espressament b`koncessjoni, fid-drittijiet kollha spettanti lilhom skond il-ligi *vis-a-vis* il-konvenuti f`dan il-kaz (ara l-artikolu 1164 u 1165 (a) tal-Kodici Civili).

Illi, konsegwentement, billi l-perjodu ta` preskrizzjoni kien gie interrott meta giet istitwita, b`citazzjoni, il-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili bejn it-terzi persuni fuq naha wahda u l-partijiet f`din il-kawza fuq in-naha l-ohra, l-atturi odjerni bhala surrogati fid-drittijiet kollha tal-istess terzi persuni, ghandhom jissuffruwixxu minn tali interruzzjoni.

Illi, ghalhekk, jidher car li l-eccezzjoni in esami bazata fuq l-artikolu 1027 citat bl-ebda mod ma skadiet u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-tieni (2) eccezzjoni, tal-konvenuti u tordna li dan il-kaz jitkompla jinstema` fuq il-meritu in konnessjoni ma` l-ewwel (1) u ma` t-tielet (3) eccezzjoni.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------